*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0321/2021**

7.6.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan
(2021/2712(RSP))

**Clare Daly, Mick Wallace, Idoia Villanueva Ruiz**
f'isem il-Grupp tax-Xellug

**B9-0321/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan (2021/2712(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rapporti u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħrajn,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1998,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tad-29 ta' Marzu 2021 dwar il-Vjolenza Sesswali Relatata ma' Kunflitti,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2131 (XX) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Dikjarazzjoni dwar l-Inammissibilità tal-Intervent fl-Affarijiet Interni tal-Istati u l-Protezzjoni tal-Indipendenza u s-Sovranità tagħhom",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1514 (XV) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Dikjarazzjoni dwar l-Għoti tal-Indipendenza lill-Pajjiżi u lill-Popli Kolonjali",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fi Frar 2020, l-Istati Uniti u t-Talibani ffirmaw ftehim li witta t-triq għall-ewwel taħditiet diretti bejn it-Talibani u r-rappreżentanti tar-Repubblika Afgana mill-2001; billi l-ftehim ta' paċi bejn l-Istati Uniti u t-Taliban ma jsemmix id-drittijiet tal-bniedem jew tan-nisa; billi skont il-ftehim, l-impunità ġiet ippriservata għal reati serji skont il-liġi internazzjonali mill-partijiet kollha; billi fit-13 ta' April 2021, il-President tal-Istati Uniti, Joe Biden, ħabbar l-irtirar tat-truppi kollha li fadal fl-Afganistan sal-11 ta' Settembru 2021;

B. billi għaddew 20 sena mill-intervent illegali mmexxi mill-Istati Uniti u n-NATO, li rriżulta f'għadd bla qies ta' mwiet, f'għadd kbir ta' nies spostati, fl-irvinar tal-ekonomija, fil-proliferazzjoni tal-kummerċ tad-drogi, fl-għoti tas-setgħa lill-milizji armati u fil-militarizzazzjoni ġenerali tas-soċjetà; billi dan wassal għal sitwazzjoni fejn m'hemm l-ebda setgħa sovrana effettiva responsabbli għall-pajjiż, u l-għadd kbir ta' fazzjonijiet politiċi u armati kollha għandhom rabtiet ma' setgħat barranin li ta' spiss huma jiddependu fuqhom għall-finanzjament u għall-pariri;

C. billi *The Washington Post* ippubblikat ir-riżultati ta' investigazzjoni li fiha l-mexxejja politiċi u militari tal-gvernijiet tal-Istati Uniti jirrikonoxxu li kienu jafu li ma setgħux jirbħu l-gwerra fl-Afganistan, filwaqt li fil-pubbliku kien allegat li r-rebħa kienet possibbli; billi huma sostnew li kien qed isir "progress kostanti" fil-gwerra, xi drabi bl-intenzjoni li jiġi ġġustifikat il-bgħit ta' aktar truppi, u billi kienu konxji ħafna mill-falliment tal-okkupazzjoni;

D. billi mill-2001, l-Aġenzija Ċentrali tal-Intelligence tal-Istati Uniti (CIA) żammet operazzjoni kontra t-terroriżmu fl-Afganistan; billi s-CIA rreklutat, għammret, ħarrġet u bagħtet forzi paramilitari Afgani fil-ġlieda kontra l-forzi ta' Al Qaeda u tat-Talibani u, mill-2014, militanti affiljati mal-Istat Islamiku; billi dawn il-gruppi qatlu, arrestaw u sparixxew persuni ċivili waqt rejds bil-lejl, u attakkaw faċilitajiet tas-saħħa talli allegatament trattaw ġellieda ribelli; billi b'mod parallel ma' dawn l-operazzjonijiet, tnedew attakki bl-ajru u bid-droni;

E. billi investigazzjoni tal-BBC tindika li l-Ministeru tad-Difiża Brittanniku u xi elementi fi ħdan il-Forzi Armati ripetutament għattew evidenza ta' reati tal-gwerra fl-Iraq u fl-Afganistan;

F. billi fl-2019, l-Afganistan kien identifikat bħala l-aktar pajjiż ibbombardjat bid-droni fid-dinja; billi l-attakki u l-attakki ta' ritaljazzjoni kkawżaw telf kbir ta' ħajjiet;

G. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż kollu għadha ħażina ħafna; billi l-Afganistan ġie kklassifikat it-tieni l-inqas pajjiż sikur fid-dinja fl-Indiċi Globali tal-Paċi 2020;

H. billi skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, fl-2020, kien hemm 4 miljun persuna spostata internament fl-Afganistan, żieda minn 1.2 miljun fl-2016 u nofs miljun fl-2013; billi ħafna minn dawn l-individwi jsofru minn nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, kenn mhux adegwat, aċċess insuffiċjenti għal faċilitajiet sanitarji u tas-saħħa u nuqqas ta' protezzjoni, u billi ħafna minnhom huma tfal ikklassifikati bħala partikolarment vulnerabbli għar-riskju ta' tħaddim tat-tfal, abbuż sesswali jew reklutaġġ potenzjali għal gruppi kriminali u terroristiċi; billi hemm kważi 2.5 miljun refuġjat irreġistrat mill-Afganistan; billi dawn jinkludu l-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fuq medda twila ta' żmien fl-Asja, u t-tieni l-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fid-dinja;

I. billi wara l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti u t-Talibani fi Frar, numru ta' attakki mill-ajru mill-Istati Uniti kkawżaw imwiet fost il-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari l-attakk mill-arju li sar fis-17 ta' Frar fid-distrett ta' Kushk f'Herat, li qered dar, u li fih inqatlu tliet nisa u ħamest itfal;

J. billi l-forzi tat-Taliban u ta' gruppi armati oħrajn ta' spiss wettqu delitti tal-gwerra u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi attakki mingħajr distinzjoni li qatlu u li

weġġgħu bosta persuni ċivili; billi, madankollu, dan qatt ma jista' jiġġustifika vjolazzjonijiet mill-gvern Afgan jew mill-Istati Uniti;

K. billi għalkemm il-President Ashraf Ghani wiegħed li jipprojbixxi l-attakki bil-lejl f'Settembru 2019, dawn l-operazzjonijiet minn forzi speċjali komplew;

L. billi fl-24 ta' Mejju 2021, ġlied intensifikat bejn il-forzi tal-gvern u dawk mhux governattivi fil-Provinċja ta' Laghman tal-Lvant, inkluż l-użu ta' armi tan-nar żgħar u granati sparati b'rokits, affettwa direttament żoni residenzjali privati, fejn allegatament inqatlu tliet persuni ċivili u spostja lil 1 600 familja lejn il-belt ta' Mehtarlam fil-Provinċja ta' Laghman;

M. billi hekk kif il-ġlied għadu għaddej, l-attivitajiet staġjonali ta' appoġġ għas-sigurtà tal-ikel tal-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) għad-distretti ta' Alishang u ta' Alingar ġew sospiżi; billi dawn il-kunflitti huma parti minn ġlied intensifikat, b'mill-inqas ħames ċentri ta' distretti amministrattivi li waqgħu f'idejn l-oppożizzjoni sa mill-bidu ta' Mejju;

N. billi fit-12 ta' Mejju 2020, il-fergħa tal-maternità mmexxija minn Médecins Sans Frontières (MSF) tal-isptar Dasht-e Barchi f'Kabul sfat attakkata, u dan irriżulta fil-qtil ta' mill-inqas 24 persuna, inkluż ta' ħames nisa li kienu qed iwelldu, 10 li welldu ftit qabel, ħaddiem tal-kura tas-saħħa, u tliet trabi tat-twelid, u weġġgħu 14 oħra; billi fl-istess ħin l-Istat Islamiku - Provinċja ta' Khorasan (ISKP) wettaq attakk suwiċida fil-funeral ta' kmandant tal-pulizija f'Nangarhar, u qatel 24 u darab 82; billi minħabba dan l-attakk, l-MSF issospendiet l-appoġġ tagħha għall-isptar, fejn indikat nuqqas min-naħa tal-awtoritajiet li jinvestigaw l-inċident b'mod adegwat;

O. billi skont ir-rapport tal-ewwel tliet xhur tal-2021 mill-Missjoni ta' Assistenza tan-NU fl-Afganistan (UNAMA), kien hemm żieda ta' 38 % fl-imwiet fost il-popolazzjoni ċivili fis-sitt xhur wara l-bidu tan-Negozjati għall-Paċi fl-Afganistan f'Settembru 2020 meta mqabbel mal-istess perjodu sena qabel; billi l-elementi anti-governattivi komplew ikunu responsabbli għall-maġġoranza, 61 %, tal-imwiet ċivili kollha fl-ewwel tliet xhur tal-2021, filwaqt li l-forzi favur il-gvern komplew jikkawżaw 27 % tal-imwiet ċivili totali; billi fl-2020 kien hemm 8 820 vittma ċivili, fejn 3 035 sfaw maqtula u 5 785 sfaw midruba; billi fl-2020, in-nisa u t-tfal flimkien kienu jinkludu 43 % tal-imwiet ċivili kollha;

P. billi l-kunflitt armat qed ikompli jikkawża trawma psikoloġika u faqar, u ħalla ħafna persuni ċivili dipendenti mill-għajnuna umanitarja u b'aċċess limitat għall-edukazzjoni u l-ġustizzja;

Q. billi kien hemm numru dejjem akbar ta' vittmi u ta' attakki ċivili fuq persunal u faċilitajiet tal-kura tas-saħħa sa minn kmieni fit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19;

R. billi l-infrastruttura dgħajfa tal-kura tas-saħħa tal-Afganistan sfat mgħobbija żżejjed tant li ma setgħetx tlaħħaq meta l-COVID-19 infirxet mal-pajjiż kollu; billi ġew irreġistrati total ta' 52 011-il każ u 2 237 mewta, li kważi ċertament ma kinux jirrappreżentaw l-iskala vera ta' infezzjoni fil-pajjiż; billi fil-biċċa l-kbira tal-provinċji Afgani ma hemm l-ebda possibbiltà li wieħed isirlu test tal-COVID-19, u l-kampjuni jiġu trasportati lejn il-belt kapitali;

S. billi n-numru ta' nies li jgħixu fil-faqar għadu għoli, 55 % tal-popolazzjoni, u billi din iċ-ċifra hija mistennija li tiżdied minħabba t-tnaqqis ekonomiku kkawżat mill-pandemija;

T. billi fi Frar 2020, il-Ministeru għall-Affarijiet tan-Nisa rrapporta żieda fil-każijiet irreġistrati ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż qtil, aggressjoni, u stupru;

U. billi madwar 87 % tan-nisa Afgani huma vittmi ta' vjolenza relatata mal-ġeneru; billi l-Afganistan jinsab fil-153 post minn 189 pajjiż fl-Indiċi tal-Inugwaljanza bejn is-Sessi tan-NU tal-2019; billi skont id-data, 62 % tan-nisa Afgani esperjenzaw diversi forom ta' vjolenza, li hija kważi tliet darbiet il-medja globali - li hija stess hija diġà meqjusa bħala eċċezzjonalment għolja; billi tkompli l-impunità għal dawk li jwettqu vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; billi l-UNAMA rrappurtat li anki każijiet ta' qtil u ta' stupru ta' spiss qatt ma jmorru l-qorti;

V. billi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-gvern baqgħet limitata; billi l-ftit nisa fil-gvern iffaċċjaw intimidazzjoni, fastidju u diskriminazzjoni; billi n-nisa ma għandhomx aċċess għar-riżorsi tal-uffiċċji b'kundizzjonijiet ekwi għal dawk tal-kollegi rġiel, u ta' spiss ma jingħatawx sahra u ħlas għas-sahra; billi n-nisa ġew miċħuda aktar opportunitajiet adegwati fir-rwoli tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-attakki li jiffaċċjaw waqt li kienu qed jaħdmu fl-uffiċċji tal-gvern rari ġew investigati, b'impunità persistenti għal dawk responsabbli; billi qabel l-intervent tal-Istati Uniti u ż-żieda fil-poter tal-Mujahideen fis-sebgħinijiet u fit-tmeninijiet, in-nisa fl-Afganistan – taħt il-Partit Demokratiku Popolari tal-Afganistan – kienu jgawdu libertajiet komparabbli mas-sitwazzjoni tan-nisa fl-UE; billi minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm tnaqqis enormi fid-drittijiet tan-nisa;

W. billi l-NGO Logar Youth, Social and Civil Institution (Istituzzjoni taż-Żgħażagħ, Soċjali u Ċivili ta' Logar) iddenunzjat l-eżistenza ta' network pedofiliku fir-reġjun ta' Logar; billi mill-inqas 546 tifel u tifla kienu vittmi ta' abbuż sesswali u aggressjoni mwettqa mill-għalliema u minn individwi ta' awtorità lokali; billi qed jiġu investigati skejjel sekondarji oħra fir-reġjun, peress li huwa mifhum li eluf ta' tfal oħra setgħu ġew abbużati; billi diversi awtoritajiet, inkluż il-gvernatur tar-reġjun u l-pulizija lokali, ċaħdu l-verità ta' dawn il-fatti; billi bosta mill-vittmi nqatlu wara li ġew identifikati;

X. billi minkejja li l-abbuż sesswali tat-tfal ġie ppubbliċizzat sew, u l-kriminalizzazzjoni tal-prattika abbużiva ta' "basa baci" (subien li sfaw abbużati sesswalment minn irġiel ikbar fl-età) fl-2018, l-awtoritajiet ftit għamlu sforz biex itemmu l-impunità u jżommu lil dawk li wettqu r-reati responsabbli;

Y. billi t-tfal għadhom jiġu rreklutati għall-ġlied, b'mod partikolari minn gruppi armati u mill-forzi tas-sigurtà afgani – milizji favur il-gvern u pulizija lokali – u jiffaċċjaw bosta abbużi, inkluż abbuż sesswali

Z. billi, skont l-UNAMA, l-Afganistan għadu "wieħed mill-aktar pajjiżi fid-dinja li fih imutu tfal", kemm bil-forzi favur il-gvern kif ukoll bil-forzi kontra l-gvern responsabbli għal aktar minn 700 tifel/tifla maqtula kull wieħed;

AA. billi skont l-UNICEF, aktar minn 2 miljun tifla għadhom barra mill-iskola, u skont iċ-ċifri tal-gvern madwar 7 000 skola fil-pajjiż m'għandhomx bini; billi għadd kbir ta' tfal għadhom ippressati f'xogħol sfurzat jew f'elemożina fit-toroq;

AB. billi l-kundizzjonijiet huma aktar diffiċli għall-ġurnalisti, għall-ħaddiema tal-midja, u għall-attivisti minħabba n-nuqqas ta' sigurtà u l-qtil immirat ta' attivisti u ta' ġurnalisti; billi l-gvern introduċa abbozz ta' liġi dwar il-midja tal-massa, li kien jimponi aktar restrizzjonijiet fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni;

AC. billi skont Amnesty International, l-attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan ġew intensifikati iżda dawn l-attakki mhumiex qed jiġu investigati, u d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem xi drabi jiġu akkużati li jivvintaw l-ilmenti tagħhom;

AD. billi għall-bini mill-ġdid ta' pajjiż fil-paċi huwa meħtieġ li tissaħħaħ ġudikatura indipendenti, li jitħarsu d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, li tiġi protetta l-libertà tal-midja u li jiġi determinat kif il-milizji irregolari għandhom jiġu diżarmati; billi f'Diċembru 2020, il-gvern Afgan stabbilixxa l-Kummissjoni Konġunta għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti tas-soċjetà ċivili fl-Afganistan;

AE. billi eżatt qabel l-invażjoni tal-2001, il-mexxejja tal-Afganistan kienu għamlu l-produzzjoni tal-oppju illegali u kienu kważi temmew programm b'suċċess għall-qerda tal-produzzjoni tal-oppju fejn offrew sussidji lill-bdiewa biex iwaqqfu l-produzzjoni tal-oppju; billi immedjatament wara l-invażjoni, il-livelli ta' produzzjoni ta' żdiedu b'mod drammatiku; billi l-biċċa l-kbira taż-żieda fil-produzzjoni kienet taħt il-kontroll dirett tal-kmandanti tal-gwerra bi sħab ma' u appoġġjati mill-Gvern tal-Istati Uniti; billi fl-2018, l-Afganistan kien l-oriġini ta' 82 % tal-produzzjoni globali tal-opju skont id-data tan-NU; billi t-traffikar illeċitu ta' oppjati jkompli jħarrex l-instabbiltà u r-ribelljoni u jżid il-finanzjament għall-gruppi terroristiċi fl-Afganistan;

AF. billi t-Triq Konġunta 'l Quddiem bejn l-UE u l-Afganistan fuq kwistjonijiet ta' migrazzjoni ġiet introdotta bħala mezz biex l-għajnuna tkun magħmula kundizzjonali fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini Afgani fl-UE, u għaddiet mingħajr il-kunsens tal-Parlament minħabba n-nuqqas ta' ftehim formali tal-UE fuq ir-riammissjoni; billi l-Afgani għadhom it-tieni l-akbar grupp ta' persuni li qegħdin jfittxu l-asil fl-UE; billi l-Istati Membri poġġew fil-periklu lil eluf ta' Afgani li kienu qed ifittxu asil, inkluż minorenni mhux akkumpanjati, billi ħaduhom lura bil-forza lejn pajjiż fejn dawn jinsabu f'riskju serju ta' tortura, ħtif, mewta u abbużi oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem;

AG. billi skont il-Kummissjoni, mill-2002, l-UE pprovdiet aktar minn EUR 4 biljun f'għajnuna għall-iżvilupp lill-Afganistan, li jagħmel lill-Afganistan l-akbar benefiċjarju tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE fid-dinja; billi madankollu, l-ekonomija għad għandha ħsara kbira u hija dipendenti mill-għajnuna barranija;

AH. billi wara r-rakkommandazzjonijiet tal-IMF u atturi oħrajn, il-Gvern Afgan introduċa sensiela ta' riformi neoliberali ħorox, inkluż taxxa b'rata fissa, u baxxa d-dazji fuq il-merkanzija importata minn 43 % għal 5.3 %; billi dawn ir-riformi naqsu milli jipproduċu żieda sinifikanti fid-dħul tal-Istat, u għaldaqstant il-pajjiż qed iħabbat wiċċu ma' defiċits fil-baġit u l-kummerċ; billi f'April 2021 l-FMI laħaq ftehim fil-livell tal-persunal fuq il-programm ta' riforma ekonomika tal-Afganistan skont il-Faċilità ta' Kreditu Estiża (ECF);

AI. billi l-"Approċċ Komprensiv" tan-NATO falla, u spiċċa biex l-għajnuna għall-iżvilupp ġiet subordinata għal objettivi politiċi u militari; billi dan l-approċċ jista' jimplika lil

ċerti atturi ċivili fil-kunflitt, minħabba li jidhru bħala parti minnu mir-ribelli;

AJ. billi f'Marzu 2020, l-Imħallfin tal-Kamra tal-Appell tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) iddeċidew unanimament li jawtorizzaw lill-uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI, Fatou Bensouda, biex jibda investigazzjoni dwar allegati reati mwettqa fit-territorju Afgan mill-1 ta' Mejju 2003, kif ukoll dwar allegati reati oħra b'rabta mal-kunflitt armat fl-Afganistan, iżda li twettqu fit-territorju ta' Stati Partijiet oħra għall-QKI fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2002; billi l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti imponiet sanzjonijiet, inkluż l-iffriżar tal-assi, kontra l-Prosekutur tal-QKI, li kellu jmexxi investigazzjoni dwar ir-reati tal-gwerra u r-reati kontra l-umanità mill-partijiet kollha fil-kunflitt mill-2003 'l hawn;

AK. billi l-Afganistan jidher li qed jidħol f'fażi ta' instabbiltà akbar; billi din il-ġimgħa biss kien hemm bosta rapporti ta' aktar qtil u mwiet tal-forzi tal-gvern, bit-Talibani jżidu b'mod drammatiku l-kontroll tagħhom fuq żoni li qabel kienu taħt il-kontroll tal-gvern; billi l-prospett ta' riżoluzzjoni paċifika permezz ta' elezzjonijiet nazzjonali ġodda jidher dejjem aktar improbabbli;

1. Jirrimarka li fl-20 anniversarju tal-intervent immexxi mill-Istati Uniti u min-NATO, li rriżulta f'għadd kbir ta' vittmi, l-awtosostenibbiltà u s-sovranità tal-istat Afgan għadhom mhumiex garantiti; ifakkar li din il-preżenza militari, u speċjalment l-operazzjonijiet offensivi tagħha, komplew ikebbsu parti mill-kunflitt; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Istati Uniti, taħt il-President Joe Biden, stabbilew il-11 ta' Settembru 2021 bħala l-iskadenza għall-ħruġ totali tat-truppi mill-Afganistan;

2. Jikkundanna l-istorja twila ta' interventi militari li ma rnexxewx u illegali tan-NATO li ġabu daqstant qerda, destabbilizzazzjoni, spostament u mwiet lejn l-Asja tal-Punent u l-Afrika ta' Fuq b'mod partikolari, li spiss jagħtu s-setgħa lill-forzi estremisti fil-proċess; jitlob għall-iżbandament tan-NATO, għat-tneħħija gradwali tal-kumpless industrijali militari, u għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet diplomatiċi mal-ġirien tagħna bbażati fuq ir-rispett reċiproku, il-fatti u l-liġi internazzjonali;

3. Jilqa' l-ftehima ta' paċi għalkemm hemm nuqqas ta' garanziji dwar id-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li l-proċess ta' paċi jrid ikun proprjetà Afgana u mmexxi mill-Afgani; jistieden lill-UE tappoġġja lill-gvern Afgan fit-tfittxija tiegħu għal proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni komprensiv u inklużiv, immexxi mill-Afgani u sjieda tal-Afgani, li jinkludi b'mod attiv il-firxa totali tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet kollha fil-kunflitt, inkluż – wara waqfien mill-ġlied – gruppi ta' ġellieda, ribelli u milizzji, peress li ma tistax tinkiseb soluzzjoni dejjiema għall-kunflitt b'xi mod ieħor;

4. Huwa mħasseb li s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiż kollu għadha ħażina ħafna, b'livelli għoljin ta' vjolenza kontra ċ-ċivili u l-forzi tas-sigurtà Afgani anki meta t-Taliban ma baqgħux jattakkaw lill-forzi Amerikani;

5. Jikkundanna l-attakk bl-ajru li sar mill-Amerikani fis-17 ta' Frar fid-distrett ta' Kushk f'Herat, li qered dar, u li qatel tliet nisa u ħamest itfal, ftit jiem wara li ġie ffirmat il-ftehim ta' paċi;

6. Huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni politika attwali fl-Afganistan; jinnota li l-maġġoranza tal-Afgani jixtiequ l-paċi, iżda jridu wkoll jippreservaw is-sistema

kostituzzjonali attwali li tiggarantixxi d-demokrazija, il-libertajiet personali, midja ħielsa, u d-drittijiet tan-nisa; huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li t-Talibani ftit li xejn għamlu biex iserrħu moħħ iċ-ċittadini li l-fehmiet tagħhom inbidlu mill-isfurzar estrem li kien infurzat b'mod brutali fis-snin disgħin

7. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu b'mod urġenti l-isforzi tagħhom biex jappoġġjaw l-erba' miljun ruħ tal-pajjiż li ġew spostati internament (IDPs), li tħallew esposti ħażin matul il-pandemija tal-COVID-19;

8. Jenfasizza li l-COVID-19 ikkawżat tbatija kemm umanitarja kif ukoll ekonomika minbarra l-faqar li diġà huwa serju, in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, u l-vulnerabbiltà klimatika f'sistema ekonomika u soċjali diġà hija fraġli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jipprovdu għajnuna ekonomika u soċjali lir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan;

9. Jistieden lill-Afganistan jipproteġi lit-tfal kollha fil-ġuriżdizzjoni tiegħu mill-forom kollha ta' abbuż, inkluż l-abbuż sesswali, u jżomm lil dawk li jwettqu r-reati f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tat-tfal kif stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-tfal, irratifikata mill-Afganistan fl-1994; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Afgani jinfurzaw bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni ffirmat min-Nazzjonijiet Uniti u l-Afganistan f'Kabul fit-30 ta' Jannar 2011 rigward il-prattika tal-"bacha bazi" u li tiġi permessa r-riabilitazzjoni tat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali;

10. Jistieden lill-awtoritajiet biex jinfurzaw fil-pront il-kodiċi kriminali tiegħu li jipprojbixxi l-abbuż fuq it-tfal u biex jeredikawh fil-prattika; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw li l-każijiet kollha ta' vjolenza sesswali fuq is-subien, inklużi każijiet li jinvolvu uffiċjali, jiġu investigati fil-pront u b'mod imparzjali, u li dawk li jwettqu dawn l-atti jinżammu responsabbli; jemmen li l-impunità ġenerali għall-abbuż tat-tfal tista' titqies bħala tortura u trattament ħażin; iħeġġeġ lill-Gvern Afgan jibda kampanja mal-pajjiż kollu biex jeduka lis-soċjetà dwar il-projbizzjoni tal-"bacha bazi" u dwar id-drittijiet tal-minuri li jkunu protetti minn tali abbuż fiżiku;

11. Jikkundanna l-attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti u l-NGOs u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-kampanji ta' fastidju u ta' tħammiġ ġudizzjarji mmirati lejn difensuri prominenti tad-drittijiet tal-bniedem u lejn l-organizzazzjonijiet tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jiżguraw li dawn il-gruppi huma kapaċi jwettqu l-attivitajiet leġittimi tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalji u ħielsa minn kull restrizzjoni, inkluż fastidju ġudizzjarju;

12. Jistieden lill-UE tappoġġja lill-Gvern Afgan fit-tfittxija tiegħu għal proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni komprensiv u inklużiv, immexxi mill-Afgani u sjieda tal-Afgani, li jinkludi b'mod attiv il-firxa totali tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet kollha fil-kunflitt, inkluż – wara waqfien mill-ġlied – gruppi ta' ġellieda, ribelli u milizzji, peress li ma tistax tinkiseb soluzzjoni dejjiema għall-kunflitt b'xi mod ieħor;

13. Jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt sabiex jaderixxu mal-liġi umanitarja internazzjonali u jirrispettaw id-drittijiet tal-membri kollha tas-soċjetà, b'mod partikolari l-minoranzi, in-nisa u t-tfal, li huma affettwati b'mod sproporzjonat mis-sitwazzjoni;

14. Jistieden lill-UE tappoġġja b'mod attiv programm immexxi mill-Afganistan għad-

diżarm, id-demobilizzazzjoni u riintegrazzjoni tal-ex ribelli; jitlob ukoll li jingħata appoġġ lill-gvern Afgan biex ixolji u jżarma immedjatament il-forzi paramilitari kollha li joperaw barra mill-katina ta' kmand militari ordinarja u biex jikkoopera fuq investigazzjonijiet indipendenti tal-allegazzjonijiet kollha ta' reati tal-gwerra u abbużi oħra kontra d-drittijiet tal-bniedem; jitlob b'mod speċjali li ssir investigazzjoni fil-pront u imparzjali fir-rigward tal-allegazzjonijiet attwali ta' detenzjonijiet sigrieti u ta' għejbien sfurzat, biex dawk miżmuma jiġu lokalizzati u rilaxxati illegalment, u li dawk responsabbli jiġu mħarrka, inkluż dawk responsabbli għall-kmand;

15. Jeżiġi li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti jiżguraw li l-allegati reati tal-gwerra li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' uffiċjali militari jew ċivili tal-pajjiżi tagħhom ikunu soġġetti għal investigazzjoni adegwata u effettiva minn korp totalment indipendenti u, fejn xieraq, li dawk responsabbli jiġu mħarrka mingħajr indħil politiku minn kwalunkwe membru tal-gvern; jesiġi li dawk kollha responsabbli jinżammu responsabbli, inklużi dawk kollha fil-katina diretta u indiretta ta' kmand, bħal uffiċjali għolja u ministri responsabbli għall-Forzi Armati;

16. Jinsisti fuq il-fatt li l-ġlieda kontra l-gruppi terroristiċi tista' tkun effiċjenti biss jekk nindirizzaw il-kawżi tat-terroriżmu, u b'mod speċifiku l-problemi relatati mal-inugwaljanza, mal-qgħad u mal-faqar; jenfasizza l-fatt li l-attakki terroristiċi ma għandhomx iservu ta' skuża biex issir deroga mill-istat tad-dritt u biex jiġu ristretti d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jemmen li ma jridux jintużaw attakki terroristiċi biex tiġi miġġielda kwalunkwe forma ta' oppożizzjoni jew biex jitwettqu reati, speċjalment reati extra-ġudizzjarji;

17. Ifakkar li l-Pakistan huwa distint kemm mill-firxa tal-objettivi tiegħu kif ukoll mill-iskala tal-isforzi tiegħu, li jinkludu s-sollečitazzjoni ta' finanzjament għat-Talibani, appoġġ għall-operazzjonijiet tat-Talibani, il-provvediment ta' appoġġ diplomatiku bħala l-emissarji virtwali tat-Talibani barra mill-pajjiż, l-organizzazzjoni ta' taħriġ għall-ġellieda Talibani, ir-reklutaġġ ta' ħaddiema tas-sengħa u bla sengħa biex iservu fl-armati tat-Talibani, l-ippjanar u d-direzzjoni ta' offensivi, il-forniment u l-faċilitazzjoni ta' trasport ta' munizzjon u ta' fjuwil, u f'diversi okkażjonijiet jipprovdi appoġġ għall-ġlied direttament; iħeġġeġ lill-Pakistan biex jirrispetta s-sovranità tal-Afganistan u biex ma jibqax jiffaċilita x-xogħol tat-Talibani u ta' gruppi militanti oħrajn fir-reġjun; jistieden lill-pajjiżi li huma direttament ġirien biex jimpenjaw ruħhom f'taħditiet ta' paċi u produttivi mal-gvern Afgan sabiex jiġġieldu ż-żieda ta' gruppi terroristiċi fir-reġjun;

18. Jilqa' d-deċiżjoni tal-QKI li tawtorizza lill-uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI, Fatou Bensouda, biex jibda investigazzjoni dwar allegati reati mwettqa fit-territorju tal-Afganistan mill-1 ta' Mejju 2003; jikkundanna t-theddid mill-Istati Uniti lejn dawk li jikkoperaw mal-investigazzjonijiet tal-ICC; jikkundanna, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-imħallfin tal-QKI li tiċħad it-talba tal-Prosekutur li tinfetaħ investigazzjoni dwar ir-reati tal-gwerra u dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa fl-Afganistan, filwaqt li allega n-nuqqas ta' kooperazzjoni sħiħa mill-istat u restrizzjonijiet baġitarji; jiddispjaċih li din id-deċiżjoni tista' ddgħajjef ulterjorment il-kredibbiltà tal-QKI;

19. Jemmen li għandu jkun hemm investigazzjoni indipendenti taħt l-awspiċji tan-NU, inkluż dwar il-qtil extraġudizzjarju minn droni, bil-ħsieb li tintemm il-kultura ta' impunità bħala element ewlieni għal proċess ta' stabbilizzazzjoni fl-Afganistan, u għall-

ħolqien ta' fiduċja pubblika;

20. Jistieden lill-Istati Membri biex minnufih iwaqqfu d-deportazzjonijiet lura lejn l-Afganistan u biex jirregolarizzaw lill-Afgani li qed ifittxu asil, peress li s-sitwazzjoni turi b'mod ċar li l-Afganistan mhuwiex pajjiż sikur; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex ma jibqgħux jagħtu l-għajnuna bil-kundizzjoni ta' ritorni u ta' esternalizzazzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri tal-UE;

21. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni reġjonali inklużiva bl-għan tal-promozzjoni ta' paċi, stabbiltà u sigurtà fit-tul fir-reġjun usa'; jiffavorixxi approċċ ġdid għas-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Afganistan u l-ġirien tiegħu, fil-forma ta' forum multilaterali għal djalogu u negozjar bejn il-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati, li jkopru impenji relatati ma' kwistjonijiet politiċi, soċjali, ekonomiċi, ambjentali, tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li forum bħal dan jaf jindika approċċ ġdid u kostruttiv ibbażat fuq is-sjieda, l-awtodeterminazzjoni u r-responsabbiltajiet tal-istati lejn iċ-ċittadini tagħhom u lejn xulxin; jenfasizza li dan il-forum għandu jinbeda b'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika u n-NU;

22. Jinnota n-nuqqas ta' progress sostanzjali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali, b'mod partikolari rigward in-nisa u l-bniet fl-Afganistan; jinsab allarmat dwar il-qawmien mill-ġdid dejjem jiżdied tal-vjolenza kontra n-nisa u l-qerda tad-drittijiet tan-nisa; jinsab ferm imħasseb li n-nisa Afgani għadhom vittmi ta' diskriminazzjoni, vjolenza, abbuż sesswali u stupru taħt il-liġi tax-Xarija; itenni l-appell tiegħu lill-Parlament tal-Afganistan u lill-Gvern tal-Afganistan biex jirrevokaw il-liġijiet kollha li fihom elementi ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, u li jiksru t-trattati internazzjonali ffirmati mill-Afganistan; jistieden lill-gvern biex jimplimenta ulterjorment il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għan-Nisa tal-Afganistan (NAPWA) u biex jiffinanzjah b'mod adegwat, u biex jimplimenta wkoll il-liġi dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa (EVAW) u l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW); jappoġġja bis-sħiħ l-implimentazzjoni totali tar-riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, u miżuri domestiċi oħrajn għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-Afganistan, kif ukoll għall-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa;

23. Iħeġġeġ lill-Gvern Afgan jinvolvi ruħu fl-istabbiliment ta' ġudikatura indipendenti u biex jiggarantixxi l-libertà tal-istampa;

24. Jistieden lill-awtoritajiet Afgani biex jibdlu s-sentenzi kollha tal-mewt u jerġgħu jintroduċu moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet bil-għan li l-piena tal-mewt titneħħa b'mod permanenti; jistieden ukoll lill-Gvern Afgan biex itemm kull tip ta' tortura u abbuż, b'mod speċjali fil-ħabsijiet;

25. Jinsab imħasseb dwar ir-rata għolja tal-qgħad, speċjalment fost iż-żgħażagħ Afgani, in-nuqqas ta' aċċess għall-kura medika u l-edukazzjoni primarja, l-istat ħażin tas-sistema tas-saħħa u l-fatt li aktar minn nofs il-popolazzjoni qed tgħix fil-faqar; jissottolinja l-ħtieġa li l-istrateġija tal-UE għall-Afganistan tiffoka b'mod ewlieni fuq il-politika għall-iżvilupp, b'mod partikolari fiż-żoni rurali fejn tgħix il-maġġoranza tal-popolazzjoni, u fuq it-tnaqqis tal-faqar, u li tiffoka l-għajnuna għall-iżvilupp fuq l-iżvilupp tal-

infrastruttura pubblika fl-Afganistan, sabiex jinħolqu impjiegi li huma meħtieġa b'mod urġenti u b'hekk il-pajjiż jinqata' bil-mod il-mod mid-dipendenza fuq donaturi barranin; għadu mħasseb dwar il-fatt li l-miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-kultivazzjoni tal-oppju fl-Afganistan s'issa ma tantx kellhom suċċess; jitlob għall-ħolqien ta' mezzi tal-għajxien vijabbli alternattivi u għal miżuri li jgħinu biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjonijiet f'żoni rurali b'mod ġenerali;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Afganistan, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, in-NU u n-NATO.